

# Il-Mużika Liturġika Marjana

minn Ramon Allard

Id-devozzjoni lejn il-Madonna hawn Malta ilha snin kbar,dan jixhdu l-għadd kbir ta'niċċeċ u statwi f'diversi toroq madwar malta u għawdex, kif ukoll l-għadd ġmielu ta'djar imsemmija għal xi titlu partikulari tal-Madonna. F'Malta ukoll insibu għadd kbir ta' Parroċċi u festi li huma dedikati lill-Madonna b'diversi titli fosthom it-titlusabiħ u singulari tat-twelid tal-Madonna,il Bambina, jew il-Vitorja kif inhi magħrufa aħjar .

Il-belt tal-Isla jew aħjar il-belt Senglea għandha wieħed mis-Santwarji Marjani prinċipali li nsibu f'pajjiżna, knisja, Bażilka, kolleġjata u santwarju b'tifkira tal-assedju l-kbir tal-1565.

Statwa titulari l-eqdem waħda f'Malta li tmur lura lejn l-1618 u statwa titulari l-unika waħda f'Malta li saret nhar l-4 ta'Settembru 1921 .

Is-Sengleani sa minn dejjem żammew lil-Marija Bambina fiċ-ċentru tal-ħajja tagħhom. Għalhekk nistgħu bla ebda dubju il-belt Senglea bħala l-belt marjana .

Eżempju ċar ta'dan kollu huma l-għadd kbir ta' grazzji li ġew maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna taħt it-titlu singulari tat-twelid tagħha Marija Bambina .

Hemm ħafna grazzji x' wieħed jista jsemmi però aħna sa nsemmu tnejn biss u naħseb jien huma tnejn prinċipali fost il-ħafna li hemm .

L-assedju l-kbir ta'Malta fil-ġlieda qawwija fuq it-torok intrebaħ proprju nhar is- solennità liturġika ta' Marija Bambina fit 8 ta'Settembru 1565 u hawn tajjeb li nsemmu li l-bażilka ta' beltna ġiet mibnija bħala monument ħaj ta'dik il- ġrajja storika kif tixhed il- kitba bil-latin li nsibu miktuba mal-faċċata mill l-isbaħ tal-istess bażilka, Il-kitba tgħid hekk MONUMENTUM INSIGNIS VICTORIAE A.D 1565,li bil-malti tfisser Monument f'ġieħ ir-rebħa l-kbira tal-1565.

Ġrajja oħra importanti ħafna fl-istorja tal-belt Senglea u ta' Marija Bambina hi meta fi żmien it-tieni gwerra dinjija waqt li l-istatwa nkurunata ta' Marija Bambina kienet għaddejja fil-purċissjoni f'jum il-festa mix-xatt ta'l-Isla,ħarġet l-aħbar li l-Italja ċediet mingħajr l-ebda kundizzjoni u hekk il-gwerra għal Malta kienet spiċċat u l-purċissjoni kompliet b'ringrazzjament lil-Alla u l-Madonna għal din il- grazzja kbira maqlugħa.

Minn dawn iż-żewġ ġrajjiet importanti fl-istorja ta' beltna u ankè fl-istorja ta' pajjiżna jidher ċar kemm Marija Bambina u l-belt Senglea huma marbuta flimkien b'rabta li ħadd ma jista jħollha, kif ukoll jidher ċar kemm is-solennita tat-twelid ta'Marija Bambina hija ukoll


Anastasju Cuschieri


Carlo Diacono


Paolino Vassallo

marbuta u magħġuna mal-istorja ta' Malta .

Wara dik l-introduzzjoni xierqa lil din il-festa solenni u storika ta'Marija Bambina, tajjeb li naraw li d-devozzjoni tista tidher ukoll b'modi differenti bħal, kitba, poeżiji, artikli u ankè l-mużika.

U proprju fuq dan li ser nikteb f'dan l-artiklu. Matul iż-żmienijiet kien hawn diversi personaġġi kbar li kemm bil-kitba tagħhom bħal Patri Anastasju Cuschieri karmelitan u ankè kompożituri , bħal E.Bartoli,C. Diacono, Paolino Vassallo eċċ li taw ġieħ kbir lil Madonna bil-pinna mużikali tagħhom .

Wieħed minn dawn il-kompożituri tal-mużika Marjana kien bla dubju ta'xejn Mro Carlo Diacono . Mro Carlo Diacono twieled iż-Żejtun fl-1 ta' April 1876 A.D, bin Orazio u Francesca Saveria Darmanin li kellha parantela ma l-istatwarju u skultur Senglean Carlo Darmanin jew kif kien mgħaruf aħjar il-karlozzu. Missier Carlo, Orazio barra li-kien negozjant mgħaruf u rispettat, kien ukoll mużiċista u jdoqq tajjeb ħafna l-vjolin u għaqqad il-Banda Beland A.D 1861 li tnisslet minn orkestra li hu u l-familja tiegħu kienu iffurmaw fiż-Żejtun snin qabel. Sa minn ċkunitu Carlo wera tendenzi qawwija mużikali. F'diskors kommemorattiv li kien għamel is-sur Ġiovanni Farruġia ħabib intimu tiegħu tkellem hekk dwar it-tfulija ta' Carlo Diacono :

Kien għadu żgħir ferm meta beda jdoqq il-kwartin mal-Banda Beland . Barra dan il-gost tiegħu kien li jiġbor ħafna tfal id-dar tiegħu jgħatihom strumenti li kien jivvinta hu stess, jifforma banda żgħira u jgħamilha ta' surmast. B'organett li hu kien jaf idoqq tajjeb ħafna , flimkien ma l- istess tfal kien taparsi jgħamel il-mużika il-mużika fil- knisja li dejjem kellu armataf'kamra mwarrba tal-istudju tiegħu. L-isbaħ rikreazzjoni għaliħ kien l – armonju li kien sarjaf idoqq, jgħallem it-tfal kant sagru biex imbgħad jesegwiħ f' xi knisja żgħira u aktar il- quddiem fil- knisja l-kbira u mbgħad ankè fi knejjes barra r-raħal .

Ta' 15-il sena ikkompona innu bil-kant tat-tfal għall-festa ta'Santa Katarina li kien esegwit mill-banda San Mikiel ta'Ħaż Żabbar. Carlo Diacono kellu tendenzi qawwija għall-mużika sagra jew aħjar il-mużika liturġika. Naturalment dan id-don ried jiġi ikkultivat u mrawwem tajjeb biex jiżviluppa ruħu. L-istudju tal-mużika huwa ħaġa kumplessa ħafna u tieħu t-tul biex issir sewwa, għax minbarra li hi arti, din il-kelma timplika tendenzi naturali li jitwieldu ma dak li jkun, hi ukoll xjenza b'teorija voluminuża f'forom li jvarjaw minn kanzunetta sempliċi għal-sinfonija elaborata u għal opra sħiħa bi storja twila li matulha il-mużika żviluppat ħafna għamliet differenti u bi prattika li tinvolvi d-daqq ta' strumenti, orkestrazzjoni u direzzjoni. Fuq kollox, mużiċista li jrid isir kompożitur tajjeb, isib il-pjanu ta' għajnuna kbira.

L-ewwel studji li ħa Carlo Diacono fil-mużika tahomlu missieru stess,imma l-kapaċità tiegħu f'dan il-qasam kienet limitata u kien hemm ħtieġa li surmast li l-abbilta tiegħu tkun suffiċjentimentkbira li tippermettilu jara, japrezza u jiżviluppa it-talent kollu li-kellu Carlo Diacono .

Id-destin riedli f'Malta ta'dak iż-żmien ta'dan is-surmast kien jeżisti Paolino Vassallo. Il-guida generale di Malta tal-1905 kellha bijografija qasira ta'dan il-mużiċista,kompożitur u għalliem ta' ħila kbira li fost id-dettalji oħra kienet tgħid hekk :

Il-Kyrie-Gloria-Credo tal-quddiesa ma għandhomx ikunu miktuba biċċa biċċa imma jkomplu waħdamal-oħraf'biċċawaħdaumhux kif jużaw u jgħamlu fostna, ma jridx motetti allegri fit-Tantum Ergo imma mużika xierqa u ta'devozzjoni kbira . Ordna li-fil-mużika tal-knejjesma jridx katubi,tnabar,platti u lanqas qniepen jew strumenti tal-ħsejjes. Il-pianoforte huwa assolutament ipprojbit mill-knejjes. Il-kantanti iridu jkunu lebsin l-ispelizza u ma jkunux jidhru minn nies, u l-Orgni irid ikun mgħaluq bil-gradi. Fl-aħħar il-Papa spiċċabilli avża l-isqfijiet tad-djoċesi billi ġegħlhomjiġu osservati r-regoli kollha billi talab, li min ma jobdihomx ikun qiegħed jiddisprezza lil-l-awtoritajiet tal- knisja.

Aħbar li deheret fil-Malta tagħna tas-6 ta'Frar 1904 qalet hekk:

L-isqof Pace ħareġ ċirkulari lill-kapillani u Prokuraturi fejn avżahom li bdew jimxu skont il-moto proprju tal- Papa fuq il-mużika sagra.

Faċli tikteb u tordna, imma diffiċli ħafna li tkun obdut u ħafna drabi aħna l-Maltin naħsbu ligħandna nkunu wisq privileġġjati, jekk ma naħsbux ukoll li anki l-Papa għandu jieħu l-parir tagħna.Fis 26 ta'Mejju ta'l-istess sena 1904 artikolista kiteb hekk fil-Malta tagħna:

Ċertament li l-Papa għandu r-raġunijiet tajba tiegħu, imma dan il-moto proprju żgur li ma għamlux għal Malta, għaliex kieku l-Papa kellu jiġi sa Malta kieku ibqa żgur Sur Editur li kien joħroġ moto Proprju ieħor u jordna li fil-knejjes tal-kattoliċi tad-dinja kollha l-mużika għandha ssir bħalma ssir fil-knejjes kollha ta' Malta .

Is-sitwazzjoni għal snin twal qajla nbidlet. Nani u Bugeja qishom mifthemin ma ħadu l-ebda inizjattiva biex iġibu l-mużika tagħhom skont il-parametri tal-moto proprju jistrieħu fuq ir-rabja stinata tal-partitarji tagħhomli komplew jinsistu għal-kontinwazzjoni tal-mużika renjanti . Imma Paolino Vassallo li issa kien il-Mro Di Cappella tal-Katidral u l-Kon Katidral mal-ewwel baxxa rasu u beda jikkomponi mużika sagra fuq il-linji l-ġodda. Il-Malta tagħna tal-10 ta' Awissu tal-1907 ikkummentat hekk :

Iż-żewġ surmastrijiet Maltin Nani u Bugeja li żmien kellhom bil-bosta biex jaraw x'sa jgħamlu għal-kappelli mużikali tagħhom li mhumiex ftit għaddew 4 snin sħaħ mingħajr ma kellhom il-ħila jew għax ma ridux ma għamlu l-ebda ħaġa biex issa dak li ma ridux joqogħdu għaliħ huma jkollu ħaddieħor joħodulhom minn taħt idejhom u jgħamlu mużika li hija approvata mill-awtorita tal-knisja.



Mro. Giuseppi Caruana
(1880 - 1931)

Il-kolleġġjata tal-Birgu kienet hi li – fetħet il-bieb u din is-sena l-mużika tal-festa ta' San Lawrenz sa jgħamilha is-surmast Paolino Vassallo wara konsulta ġenerali li għamel il-kapitlu ta'l-istess kolleġġjata u approva li l-mużika tkun kif irid il-Papa

Is-surmast Paolino Vassallo spiss isemma l-mużika tiegħu billi issa jikteb ħaġa mbgħad oħra u xejn ma jservi.Forsi l-widna tal-partitarji ma tantx titpaxxa biha. Ikollhom ibaxxu rashom u jibilgħu dak li ma jridux jisimgħu.Fejn jimxi s-surmast jimxu ukoll l-istudenti tiegħu u dawk li kienu jistudjaw ma' Paolino Vassallo ukoll bdew jikkomponu mużika skont il-Moto Proprju. Fost dawn kien hemm Mro Giuseppe Caruana daż-żmien mgħaruf l-aktar bħala kompożitur ta'innijiet sbieħ b'lirka ukoll mill l-isbaħ tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila.Fost dawn l-innijiet nsibu dawn :

Nadurawk ja ħobż tas-sema (innu li-nkiteb għal-Kungress Ewkaristiku ta'l-1913) .

Riesaq il-lejl Mulejja (innu ta'filgħaxija).

Reġa' sebaħ ja Mulejja (innu ta'filgħodu).

Fil-Hlewwa ta'Mejju (innu marjan).

Qawwi Qlubna (innu miktub fl-okkażjoni tal-festa Liturġika ta'Kristu Re)

Tina l-ħlewwa ta'l-ilsna tas-sema (innu ieħor sabiħ lil-qalb mqaddsa ta' Ġesu).

Mro Giuseppe Caruana kien organista tal-parroċċa Bażilka ta'San Duminku. Fl-Aħbarijiet tal-Malta Tagħna tad-9 ta'Novembru 1907 deher dan li ġej :

Irnexxiet wisq solenni il-Hadd li għadda l-viżta pastorali ta'Mons Arċisqof fil-knisja parrokkjali u bażilka ta' San Duminku l-Belt. L-isqof ġie milqugħ u meħud mill-kunvent sal-knisja proċessjonalment fejn qaddes quddiesa solenni u qarben numru kbir ta' devoti. Waqt il-quddiesa saret mużika tant sabiħa skont il-Moto Proprju taħt id-direzzjoni tas-surmast Giuseppe Caruana organista u Mro Di Cappella tal-istess knisja. Kemm l-isqof u kemm il-viżitaturi li kellu miegħu ħarġu wisq kuntenti u sodisfatti għax sabu kollox għar-Regole avolja din il-viżta kienet għal-għarrieda .

L-istess għamel Carlo Diacono fil-ftit knejjes li sa dak iż-żmien kellu x-xogħol tal-mużika l-aktar fiż-Żejtun fejn kien igawdi fama qawwija tant li gie maħtur organista tal-Parroċċa. Beda jsemma mużika meraviljuża skont il-linji mqiegħda. Fuq kollox kiteb żewġ quddisiet sħaħ u Salm Laudate Pueri u bgħathom Ruma biex jiġu eżaminati mill-kummissjoni Vatikana li kellha l-inkarigu li tiċċekkja jekk il-mużikamiktuba hix denja skont il-Moto Proprju u li tista tinstema fil-knisja. L-approvazzjoni ġiet,f'daqqawaħda Malta kollha saret taf bil-kapaċitajietta'dan il-mużiċista Żejtuni li minn figura Provinċjali issa sar Personalita Nazzjonali.La Gazzetta di Malta tad-9 ta'Diċembru 1907 rrapurtat hekk fuqu :

Ifirħu liż-żgħażugħ Surmast Carlo Diacono student dinjissimu tas-Surmast Paolino Vassallo tagħna li llum irċieva minn Ruma li fit-3 ta'Diċembru kiseb l-approvazzjoni għal żewġ quddiesiet sħaħ u Salm Laudate Pueri mmużikati skont it-terminu tal-Moto Proprju għal orkestra sħiħa u orgni. Il-Kummissjoni Rumana f'Ruma fil-ġurnata msemmijatat-3 ta'Diċembru approvat mingħajr l-ebda kundizzjoni it-tlett xogħolijiet ta' mużika sagra taż-żagħżugħ msemmi.

Il-Malta Tagħna tal-14 ta'Diċembru kitbet dan li ġej:

Il-membri tal-kummissjoni Rumana għamlu seduta fit-3 ta'Diċembru u approvaw żewġ quddiesiet sħaħ u Salm Laudate Pueri tas-Surmast Carlo Diacono ġuvni malti li għamel unur kbir lil-gżira tagħna għax kapaċi tassew għad li modest u fommu sieket .

Fl-1 ta'April 1908 f'kunċert ġewwa t-Teatru Manoel Carlo Diacono ippreżenta waħda minn dawn il-quddiesiet flimkien ma Ave Maria u Marcia Trionfale li fetħet is-serata. Is-suċċess kien fantastiku. La Gazzetta di Malta tat-8 ta'l-istess xahar iddeskriviet il-kunċert hekk:

Minn qabel sew il-ħin li kellu jibda l-programm il-pultruni tal-plateja spazjuża kienu okkupati mill l-aqwa fjur tal-Poplu. Diġà elf ras ittawlu mill-parketti ndurati kultant anzjużi u impazjenti biex jisimgħu il-mużika ta' dan il-bravu żagħżugħ Żejtuni. Sa fl-aħħar , imdawwar minn numru sabiħ ta' kantanti mgħażula u minn orkestra mgħamula mill-aħjar strumentalisti ta' pajjiżna tfaċċa fil-proxenju simpatiku is-Surmast Carlo Diacono li ġie milqugħ b'applaws prolungat .

U f'kumment li għalaq ir-rapport twil kiteb hekk:

Is-suċċess miksub mis-Surmast Diacono żvela l-ġenju tiegħu u hekk għaliħ jimmarka l-bini ta' karriera brillantissima u juri għal darb'oħra li-mużika tal-knisja tajba,qawwija u pjaċevoli ankè meta jkun hemm il-Moto Proprju. Mill-unuri miksuba mis-Surmast żagħżugħ għandu jippartecipa, is-Surmast tiegħu Paolino Vassallo li permezz tal-ubbidjenza tiegħu, il-vjola moħbija taż-Żejtun setgħet tikber u xxerred il-fwieħa gradita tagħha, Viva l-Ġenju Malti.

N.B: Minħabba t-tul ta' din ir-riċerka ta' informazzjoni utli ħafna ikun jaqbel li naqsmu dan l-artiklu fi tlett kapitli li jitkomplew fil-harġiet li jmiss ta' dan il-ktieb annwali tal-festa.